# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 11 ta' Jannar 2019**

**Rikors Numru : 188/2018 JPG**

**Kawza Numru : 19**

**AMM**

**Vs**

**AM**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' AMM datat 16 ta' Lulju 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi hija żżewġet lill-intimat nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlieta (2003) u ż-żwieġ ġie registrat fir-Reġistru Pubbliku bin-numru progressiv X [estratt taċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat* ***Dok A****];*

2. *Illi effettivament dan iż-żwieġ tkisser irremedjabbilment iktar minn għaxar (10) snin ilu u il-partijiet effettivament bdew jgħixu separatament minn xulxin u kienu de facto separati u minn dakinhar qatt ma reġgħu irrikonċiljaw;*

3. *Illi minn dan iż-żwieġ kienu twieldu żewġt (2) itfal u senjatament RM nhar is-7 ta' Frar 2004 u MM nhar id-19 ta' Ġunju 2005 (vide kopja taċ-ċertifikati tat-twelid rispettivi annessi* ***Dok B*** *u* ***Dok C****);*

4. *Illi l-kontendenti imbagħad kienu effettivament isseparaw b'kuntratt ta' separazzjoni personali tas-26 ta' Marzu 2015 fl-atti tan-Nutar Reuben Debono (kopja annessa u immarkata* ***Dok D****);*

5. *Illi, naturalment, ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti;*

6. *Illi ma hemm l-ebda kwistjoni rigward manteniment bejn il-Partijiet li jistgħu b'xi mod ixekklu lill-esponenti milli tipproċedi b'din l-istanza, lanqas fir-rigward tal-manteniment tal-minuri;*

7. *Illi għaldaqstant il-kontendenti jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha stabbiliti mil-liġi biex jingħata d-divorzju;*

8. *Illi l-esponenti tixtieq u trid li tottjeni l-ħall taż-żwieġ tagħha minn mal-intimat;*

*Għaldaqstant, l-esponenti titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha:*

(1) *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;*

(2) *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku,*

*u dan taħt kull provvediment ieħor li jidhrilha xieraq u opportun.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' AM, datata 23 ta' Ottubru 2018, a fol 14 li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti AM jaqbel ma' dak li hemm dikjarat fir-rikors promotur u cioe' illi huwa u r-rikorrenti zzewwgu nhar 25 ta' Ottubru tas-sena 2003 liema zwieg tkisser tant illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Reuben Debono datat 26 ta' Marzu 2015;*

2. *Illi l-esponenti jaqbel ukoll illi l-partijiet kienu ilhom de facto separati ghal madwar ghaxar snin u illum it-tnejn ghandhom hajja separata u indipendenti minn ta' xulxin;*

3. *Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-minuri R u M l-partijiet ma ghandhom l-ebda diffikulta tant illi l-esponenti jhallas il-manteniment u jezercita d-dritt t'access versu l-minuri;*

4. *Illi ghalhekk l-esponenti jhoss illi ma hemmx ebda prospett ta' rikonciljazzjoni u ghalhekk r-rekwiziti ta' divorzju huma sodisfatti;*

*Illi ghalhekk l-esponenti* ***ma ghandux oggezzjoni ghal pronunzjament minn din l-Onorabbli Qorti ghal hall taz-zwieg minn mar-rikorrenti.***

Rat li l-att promotur, id-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skont il-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazjoni mid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**AM** xehed permezz t'affidavit a fol 17 illi l-partijiet izzewgu fit-25 t'Ottubru 2003 u kien ottjenew separazzjoni legali fis-26 ta' Marzu 2015 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni bonarja. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt ulied, li t-tnejn ghandhom minuri. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment, u lanqas ma hemm diffikultajiet rigward l-access. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal madwar ghaxar snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**AMM** xehdet a fol 17A *et seqq* u kkonfermat ix-xhieda moghtija minn AM

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***[...]***

***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***[...]***

Il-Qorti rat illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta’ kuntratt datat 26 ta’ Marzu 2015 fl-atti tan-Nutar Dottor Reuben Debono, debitament awtorizzat mill-Qorti (vide Dok D a fol 6 et seqq., u ilhom jghixu separatament ghal minn tal-anqas ghaxar snin.

Jirrizulta ukoll m’hemmx pendenzi rigward hlas ta’ manteniment bejn il-partijiet waqt li l-manteniment ghat-tfal minuri qed jithallas puntwalment.

Il-Qorti rat illi gie pruvat inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**